MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 203/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C597)**
**ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera**
**Norwich Union International Insurance Limited**
**kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Khalid El Nahhal abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip** ***comprehensive*** **u tal- Ligi u l-istess Khalid El Nahhal (203387M)**

**Vs**

**Noel Curmi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-esponenti talbu hlas fl-ammont ta' erba' mja sebgha u sittin Lira Maltin (LM467.17,0) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Khalid El Nahhal assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited nomine, u li ghalihom ghamlu

tajjeb kwantu ghall-ammont ta'   erba' mija tnejn u erbghin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (LM442.17),)  is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25) l-istess Khalid El Nahhal *in linea* ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Settembru, 2003 ghal habta tal-1015 a.m., gewwa Rue d'Argens, Msida, bejn il-vettura proprjeta' tal-attur Khalid El Nahhal, bin-numru ta' registrazzjoni BAH-831 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni AAk-982, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali li qed tintbghat kontestwalment ma' dan l-Att lis-socjeta' assikuratrici Middle Sea Insurance plc u interessi legali mid-data tan-Notifika ta' dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa:

It-Talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenuti imma b'tort tas-sewwieq l-iehor, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra, permessi mill-Ligi.

It-Tribunal ra x-xhieda  tal-PS909 Paul Buhagiar , Noel Curmi u  Khalid El Nahhal.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha ezebiti fil-process miz-zewg partijiet.

Ra l-atti kollha.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra:
Din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Settembru, 2003 ghal habta tal-10.15 a.m. f'liwja ma Rue D'Argens, Msida bejn il-vettura misjuqa mill-attur BAH-831 u l-vettura misjuqa mill-konvenut AAK-982.

Jidher li l-vettura tal-konvenut kienet wieqfa quddiem zebra crossing u kif ghaddew in-nies il-konvenut lewa max-xellug tieghu sabiex tikser fit-triq Testaferrata, Gzira. Il-Vettura tal-attur kienet harget minn wara Stop Sign mit-trieq fuq il-lemin taz-zebra crossing u cioe' minn Bishop F Caruana Street, Msida u qasmet Rue d'Argens u kienet ha tikser fuq ix-xellug fid-direzzjoni ta' Testaferrata Street, Gzira. Iz-Zewg vetturi kienu ghahekk sejrin fl-istess direzzjoni. L-Impatt bejn il-vetturi sar fuq quddiem tax-xellug tal-vettura tal-attur waqt li l-konvenut sofra xi hsarat fuq il-lemin ta' quddiem kif ukoll fil-headlamp. Skond ix-xhieda l-partijiet qabblu mal-iskizz ghalkemm l-konvenut jghid illi l-iskizz jindika l-lvetturi kienu mxew ftit 'l quddiem.

Illi l-konvenut jghid fix-xhieda tieghu li kien stenna n-nies jaqsmu minn maz-zebra crossing imbghad kiser fuq ix-xellug tieghu. Izda *a tempo vergine* il-konvenut kien stqarr mall- pulizija li fil-waqt illi hu kien ha jaqla' minn maz-zebra crossing l-attur ghadda minn wara il-vetturi li kienu wieqfin man-naha opposta taz-*zebra crossing* u cioe' fuq in-naha tal-lemin tal-konvenut. Jidher ghalhekk illi l-konvenut kien ra l-attur jaqsam it-triq fil-waqt illi hu kien qed jaqla' u jikser minn Rue d'Argens fuq ix-xellug tieghu ghall mall-istess triq li ha l-attur.

It-Tribunal ikkonstata illi dik il-parti tat-triq fejn iz-zewg vetturi habtu hija qasira hafna u taghti mix-xellug lejn Triq Testaferrata u triq ohra minuri li tinsab ma gem *showroom* ta' Dunlopillo fil-kantuniera kif ukolll din it-triq qasira taghti fid-dritta tul Princess Margaret Street, Msida.

Jidher illi kif qasmet il-vettura BAH-831 din kienet fuq il-lemin tat-triq u l-vettura AAK-982 dahret ghal max-xellug. Fl-iskizz dokumentat fl-Atti tal-kawza dan il-fatt jidher car.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli peress l-attur kien fuq in-naha tal-lemin, sabiex huwa jikser fi triq Testaferrata kellu bil-fors jikser fuq ix-xellug tieghu u fil-pront li ghamel hekk ostakola l-vettura tal-konvenut. Skond ix-xhieda tal-attur ma jidhirx illi huwa xeghel l-*indicator* sabiex idur max-xellug u jghid illi l-anqas kien dar nofs pied illi ma hass l-impatt. Qal ukoll ili qabel ma beda jikser kien hares izda ma ra hadd. Minn naha l-ohra, l-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li ma kienx hemm karozzi ghaddejjin minn Triq FS Caruana fid-direzzjoni li kien sejjer hu, izda *a tempo v*ergine l-istess konvenut kien qal illi waqt li kien ha jikser fuq ix-xellug minn Rue d'Argens kien ra l-vettura tal-attur ghaddejja minn wara l-vetturi li kienu fuq in-naha l-ohra *'taz-zebra crossing'.* It-Tribunal ihoss illi ghandu jqis ix-xhieda moghtija mill-partijiet *a tempo vergine.*

It-Tribunal huwa konvint illi l-attur kien qasam Rue D'Argens u sab ruhu fuq il-lemin tat-triq u kif appena beda jikser fuq ix-xellug sabiex jilwi fi Triq Testaferrata gara l-impatt. Fl-istess mumenti l-vettura tal-konvenut kienet lahqet kisret fuq ix-xellug u peress illi z-zewg vetturi riedu jmorru fl-istess direzzjoni u cioe' fi Triq Testaferrata, appena l-attur beda jikser il-vettura tieghu huwa ostakola lill-konvenut.

Huwa fatt konstatat illi l-vettura tall-attur kienet ha tikser fuq ix-xellug ghaliex kif iddikjara huwa stess fix-xhieda tieghu kien sejjer lejn Triq Testaferrata izfa kif kien ha jibda jikser sab il-vettura tal-konvenut li kif iiddikjara hu stess fix-xhieda ma kienx raha.

Fil-kaz in ezami, jidher illi z-zewg verzjonijiet mhumiex kontraditorji anzi huma kompatibbli ma' xulxin u kif fil-fatt zvolgew il-fatti. Fis-sewqan hemm prassi stabilita fejn hemm sitwazzjoni ta' '*blind spot.*' Din it-tesi tista' tigi applikata f'din il-kawza. F'dan il-kaz l-attur ma rax lill-konvenut kemm *'mis-side mirror'* tax-xellug tal-vettura kif ukoll '*mir-rear mirror.*' Fil-fehma tat-Tribunal l-verzjoni tal-

attur li ma rax il-vettura tal-konvenut hija veritjera ghaliex il-vettura tal-konvenut kienet tinsab fi ‘blind spot’ u kien ghalhekk illi l-attur ma ndunax li l-vettura tal-konvenut kienet fil-lane fuq ix-xellug tieghu. Izda dan in-nuqqas jibqa’ dejjem ir-responsabilita’ ta’ min qed jaghmel il-manovra biex jikser. It-Tribunal huwa konvint li meta l-attur ried ibiddel lane biex jikser fi Triq Testaferrata ma harisx wara spalltu izda kif qal fix-xhieda tieghu huwa hares biss. Ghal ftit mumenti z-zewg vetturi kienu kwazi paralleli ma xulxin u kien f’dan il-mument illi kien hemm *blind spot* u l-attur ma kienx ra l-vettura tal-konvenut li kienet fuq ix-xellug tieghu. Mix-xhieda jidher ukoll illi l-attur l-anqas kien xeghel l-*indicators* bhala sinjal li kien ha jdur.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal huwa konvint li bil-manuvra tieghu, Khalid El Nahhal ma kienx induna bil-vettura tal-konvenut u kkaguna ostaklu ghall-konvenut kwindi t-Tribunal ma jsib ebda tort fis-sewqan tal-konvenut ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi billi jichad it-talbiet attrici fil-waqt illi jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jiddikjara l-attur responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni .

Spejjez tal-kawza a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------